MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2009

Numru 1175/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**KONTRA**

**FRANCIS CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Francis Caruana ta’ 54 sena,bin Anthony u Catherine nee’ Agius, imwieled Zejtun, nhar il- 31 ta’ Awissu 1954, residenti fil- fond Maruska, Triq l- Istamnar, San Pawl il-Bahar, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 647554(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ Lulju 2008 u fix- xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ keriditi immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elfejn, tlitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad- detriment ta’ George Portelli;

2) U aktar talli fl- istess dati, lokalijiet u cirkostanzi, ghad- detriment ta’ George Portelli, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37)

3) U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis- somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad- detriment ta’ Georger Portelli, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga li jsir uzu minnha specifikat;

4) U b’ hekk hu, Francis Caruana, sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi in vista ta' din l-ammissjoni f'dan l-istadju tal-esami tal-imputat, wara li gew moqrija l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu, il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghall-ghoti tas-sentenza lill-imputat, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tghaddi biex tikkunsidra l-piena idoneja ghall-kaz. Mill-provi prodotti rrizulta li l-imputat kien aaproprja ruhu minn cekk ta' certu George Portelli, indirizzat lill-ADT, sabiex tithallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura. L-ammont ta' flus li hemm indikat fil-mertu tal-kaz hu €9,317.49, fuq liema ammont ma hemmx kontestazzjoni. Dan irrizulta b'mod car u univoku mill-istqarrija tal-istess imputat, kif ukoll mid-dokumenti l-ohra esebiti mill-Prosekuzzjoni. L-imputat stess ammetta mal-ewwel mal-Ufficjal Prosekutur li hu kien dawwar ic-cekk fi "Bank Draft" ukoll favur l-ADT, izda minnflok ma hallas it-taxxa dovuta fuq dik il-vettura, hallas xi affarjiet ohra, u ghalhekk kellu jrodd lura dawk il-flus lil Portelli fl-iqsar zmien.

Jirrizulta, ghalhekk, li l-interess ewlieni f'din il-kawza hi li l-imputat ihallas dawn il-flus lil Portelli, u din ghandha tkun konsiderazzjoni importanti ghall-Qorti meta tigi biex taghti l-piena. Fil-fehma tal-Qorti, l-ahjar mod biex torbot lill-imputat b'sentenza biex ihallas l-ammont indikat hu li jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, flimkien ma' ordni ghall-hlas ai

termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9. Jibqa', izda, l-ostakolu tal-imputazzjoni tar-recidiva, li l-Qorti sejra tikkonsidra. Biex il-Qorti tkun prekluza milli taghti l-piena ta' sentenza sospiza minhabba r-recidiva, din trid tirrisulta fi hdan il-parametri tal-Artikolu 50 tal-Kap 9, u mhux tal-Artikolu 49. Issa, mill-fedina penali esebita fl-atti, jirrisultaw zewg kundanni ta' multi, u allura r-recidiva applikabbli f'dan il-kaz hija dik taht l-Artikolu 49 tal-Kap 9, li ghalhekk ma tipprekludix lill-Qorti milli taghti l-piena tal-prigunerija sospiza, u dank if irritjeniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha datata 17 ta' Novembru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Philip Mario Chircop". Illi ghalhekk, in vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija sospiza, entro l-parametri tal-ligi, flimkien ma' ordni ta' hlas fl-ammont indikat hawn fuq. Ghalkemm l-imputazzjonijiet kontra l-imputat fil-mertu huma tlieta, l-att li minnu skatta r-reat in kwistjoni kien wiehed, u ghaldaqstant ghandu jkun hemm assorbiment tal-piena ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 308, 309, 310, 293 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill- imputat ihallas is- somma ta' disat elef, tlett mija u sbatax il- Ewro u disgha u erbghin centezmu (€9317.49) lil George Portelli fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------